MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 240/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT: DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.M (IMLI) LL.D.**

**Rikors Numru 240/12 FDP**

**Fl-ismijiet:**

**Hydroelectric Limited**

**(C 9039)**

**vs**

**Stanley Matthew Falzon**
**(ID 601882M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-19 ta' Lulju 2012 fejn is-socjeta rikorrenti talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erba' t'elef, disa' mija u tnejn u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€4,972.41) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fil-31 ta' Lulju 2012

Illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2012 is-socjeta rikorrenti ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma dehrx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta' l-istess rikorrent tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' t'elef, disa mija u tnejn u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€4,972.41)**

**rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------